**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum l-Erbgħa, tnejn u għoxrin (22) ta' Jannar 2025

Kawża Nru 851/2025

**Il-Pulizija**
***(Spettur Mark Cremona)***

Vs

**Brendan Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Brendan Zammit**, iben Anthony u Grace nee Vella, imwieled Pieta, nhar l-erbatax (14) ta' Diċembru 2005 u residenti numru tletin (30), "Comba", Flat 3, Triq it-Tabib Chetcuti, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 404805(L) talli fit-tlettax (13) -il

jum tax-xahar ta’ Jannar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) u/jew fil-ġimgħat u/jew xhur ta’ qabel ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

(1) saq vettura ta’ għamla Range Rover bin-numru tar-reġistrazzjoni DANEISHIA mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;[1]

(2) saq vettura ta’ għamla Range Rover bin-numru tar-reġistrazzjoni DANEISHIA mingħajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;[2]

(3) irrenda ruħu riċediv wara li ġie misjub ħati b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

(4) naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati mill-Maġistrat Dr Monica Vella LL.D. fid-digriet tagħha tal-ewwel (1) ta’ Ottubru u digriet/i sussegwenti;

(5) naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali mill-Imħallef Onor. E. Grima LL.D fid-digriet tagħha ta’ nhar id-disgħa (9) ta’ Ottubru 2023 u digriet/i sussegwenti;

(6) naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuq mill-Qorti tal-Maġistrati mill-Maġistrat Dr M.A. Farrugia LL.D fid-digriet tagħha

[1] Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65.
[2] Artikolu 3(1) tal-Kap. 104.

ta’ nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta’ Marzu 2024 u digriet/i sussegwenti.

Il-Qorti intalbet wkoll sabiex kemm -il darba tinstab ħtija fl-imputat għar-reati addebitati lilu jew liema minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tħaddem kontra l-ħati d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta’ din l-ammissjoni l-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa’ jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li ma teżisti l-ebda raġuni tajba in linea ma’ dak stabbilit fl-artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta biex il-Qorti tiddubita jekk ir-reati ġewx tassew magħmula jew tiddubita jekk l-akkużat hux ħati tar-reati addebitati lilu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: fit-tlettax (13) ta' Jannar 2025 bejn it-tlieta (15:00hrs) u l-ħamsa ta' wara nofsinhar (17:00hrs) il-Pulizija kienu għaddejjin b'road block fi Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa. Hekk kif kienu qegħdin jagħmlu r-road block, il-Pulizija innutaw vann tal-għamla Range Rover ta' kulur iswed. Is-sewwieq hekk kif induna bil-presenza tal-Pulizija qabeż it-traffiku li kien hemm, dawwar għall-ġewwa parkeġġ u beda jsuq lura mid-direzzjoni minn fejn kien ġie.

Hekk kif innutaw dan, żewġ Pulizija preċiżament PS 1320 u PC 2128 telgħu fil-vettura tas-servizz u saqu wara l-imsemmi vann. Ġew mixgħula s-sireni kif wkoll id-dwal il-blu biex jagħtu sinjal lil tal-vann jieqaf. Il-vann naqqas il-veloċita u l-Pulizija rnexxielhom iwaqqfuh. Ix-xufier tal-vann ġie identifikat bħala li kien Brendan Zammit. Meta ġie mistoqsi jipproduċi l-liċenzja tas-sewqan u assikurazzjoni sabiex isuq l-istess vettura huwa stqarr li ma kellux u li qatt ma kellu.

In vista li kien ipprova jaħrab minn fuq post ta' kontroll ta' traffiku b'suspett li huwa seta' kellu xi oġġetti jew affarijiet illegali, il-Pulizija infurmawh li kienu sejrin jipproċedu bi tfittxija fil-vettura tiegħu. Minn tali tfittxija pero ma rriżulta xejn irregolari.

Mistoqsi jekk huwa kellux każijiet oħra mal-Pulizija, Zammit stqarr li huwa kien qed jiffirma ġewwa l-Għassa tal-Mosta. Minn verifiki li għamlu l-Pulizija, imbagħad irriżulta li Zammit kien qed jiffirma tlett (3) bail books differenti, tnejn fir-rigward ta' każijiet tad-droga u ieħor rigward sewqan bla liċenzja. Il-Pulizija għalhekk ipproċedew bl-arrest ta' Zammit fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Mark Cremona peress li Zammit kien suspettat li kiser l-obbligi imposti fuqu fil-kundizzjonijiet dwar il-ħelsien mill-arrest.

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lil-akkużat ħati tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu. Għall-fini ta' piena, il-Qorti sejra tikkunsidra l-fatt li l-akkużat ammetta fi stadju pjuttost bikri tal-proċeduri. Fl-istess ħin pero il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-akkużat kiser tlett (3) kundizzjonijiet differenti tal-ħelsien mill-arrest kif wkoll reġa' għal darba oħra kiser id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3(2) tal-Kap. 104. Il-piena għalhekk xorta trid tirrifletti l-gravita ta' dawn ir-reati.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 49, 50 u 579(2) tal-Kap. 9, l-artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta'

Malta, l-artikoli 3(1), 3(2)(b) u 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, **<u>qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha</u>** miġjuba fil-konfront tiegħu u qiegħda tikkundannah għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' **<u>erbat elef u seba' mitt ewro (€ 4,700)</u>**.

In oltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-segwenti ammonti:

- is-somma ta' **<u>ħames mitt ewro (€ 500)</u>** mid-depositu li sar in konnessjoni mal-ħelsien mill-arrest mogħti b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr Monica Vella datat l-ewwel (1) ta' Ottubru 2024;

- is-somma ta' **<u>mitejn u ħamsin ewro (€ 250)</u>** mill-garanzija personali stabbilita fil-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest imposti b'digriet mogħti mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Onor. Imħallef Dr Edwina Grima datat tad-disgħa (9) ta' Ottubru 2023;

- is-somma ta' **<u>mitejn u ħamsin ewro (€ 250)</u>** mill-garanzija personali stabbilita fil-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest imposti b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr Marseann Farrugia datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu 2024.

Billi l-Qorti jidhrilha li l-piena hawn erogata tirrifletti s-serjeta tal-każ u l-ħati qed jiġi punit adegwatament għall-ksur da parti tiegħu tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, il-Qorti qed tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-ħati in konnessjoni mal-proċeduri l-oħra li għadhom pendenti, ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' ħmistax (15) -il xahar, liema perijodu ta' sospensjoni għandu jibda jiddekorri hekk kif jiskadi t-terminu ta' sospensjoni simili li attwalment qiegħed jiddekorri fil-konfront tal-ħati.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**